DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/868

tal-20 ta' Mejju 2021

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (EUAM UKRAINE/1/2021)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2014/486/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fl-4 ta' Ġunju 2019, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/992 ([2]), li taħtar lis-Sur Antti HARTIKAINEN bħala Kap tal-Missjoni għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020.

(3) Fit-8 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/754 ([3]), li testendi l-mandat tas-Sur Antti HARTIKAINEN bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUAM Ukraine sal-31 ta' Mejju 2021.

(4) Fl-20 ta' Mejju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/813 ([4]), li testendi l-mandat tal-EUAM Ukraine sal-31 ta' Mejju 2024.

(5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona li l-mandat tas-Sur Antti HARTIKAINEN bħala Kap tal-Missjoni ta' EUAM Ukraine jiġi estiż mill-1 ta' Ġunju 2021 sal-31 ta' Mejju 2022,

([1]) ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/992 tal-4 ta' Ġunju 2019 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (EUAM Ukraine/1/2019) (ĠU L 160, 18.6.2019, p. 24).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/754 tat-8 ta' Ġunju 2020 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea (EUAM Ukraine) (ĠU L 179I, 9.6.2020, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/813 tal-20 ta' Mejju 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L 180, 21.5.2021, p. 149).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Antti HARTIKAINEN bħala Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) huwa b'dan estiż sal-31 ta' Mejju 2022.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Ġunju 2021.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2021.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
S. FROM-EMMESBERGER